

IL-PONT

miġbura minn Patrick SAMMUT

ħarġa Nu. 35 - **AWWISSU 2015**

# editorjal

F'Marzu li għadda fuq is-sit elettroniku tat-*Telegraph* wieħed seta' jaqra intervista li Tim Martin għamel lill-kittieb Peruvjan Mario Vargas Llosa dwar l-aħħar rumanz tiegħu *The Discreet Hero*. Kif qrajna f'dawn l-aħħar jiem bħalissa qiegħda tiġi diskussa l-liġi taċ-ċensura u proprju dan fakkarni fi kliem dan l-awtur Sud-Amerikan: "One positive aspect is that censorship is now practically impossible […] But on the other hand, you have such a mass of information about everything that qualification disappears completely, and everything is equally measured." Wieħed jistaqsi jekk, ladarba jgħaddu t-tibdiliet li qed jiġu proposti fil-liġi dwar iċ-ċensura, dan ikunx ifisser li kull xogħol ta' min ifettillu jikteb u "jirrifletti r-realtà" li ngħixu fiha billi jinkludi lingwaġġ baxx u oxxenitajiet oħra f'xogħlu - flimkien mal-barka ta' xi djar tal-pubblikazzjoni partikolari - hux se jibda jitqies letteratura u arti? Ladarba jgħaddu l-bidliet proposti rigward il-liġi taċ-ċensura, dan se jkun ifisser ukoll li meta niġu għall-għażla ta' testi letterarji għal min se jistudja l-Malti fil-livelli SEC u MATSEC, jidħlu bla tfixkil testi "letterarji" li jħaddmu lingwaġġ skurrili bl-addoċċ f'isem il-moħħ miftuħ, il-progress u l-intelliġenza tagħna l-bnedmin? Ta' min ifakkar li min jistudja l-lingwa u l-letteratura bis-serjetà għandu l-ewwel jibda bit-testi klassiċi miktubin minn min verament kien u jaf is-sengħa tal-kitba u mbagħad jgħaddi għal testi oħrajn iktar reċenti, xi wħud minnhom li verament jistħoqqilhom l-isem ta' "letteratura", u oħrajn li sabu ruħhom fl-istess qoffa minħabba raġunijiet varji li m'għandhom xejn x'jaqsmu mal-kunċett artistiku u letterarju.

# werrej

| | |
|---|---|
| *L-Aħbarijiet* | **3** |
| *Reazzjonijiet* | **6** |
| *L-Intervista* | **7** |
| *Ktieb mill-qrib (1)* | **8** |
| *Ktieb mill-qrib (2)* | **9** |
| *Ir-rakkont (1)* | **12** |
| *Ir-rakkont (2)* | **14** |
| *Il-Poeżiji* | **17** |
| *Il-Poeżiji - Lil Hinn Minn Xtutna* | **19** |
| *Minn fuq l-Ixkaffa* | **20** |

Min jixtieq jikkontribwixxi f'IL-PONT b'materjal ta' livell, mhux twil u adatt jista' jibagħtu direttament lill-Editur fl-indirizz **sammutpatrickj@gmail.com**

# l-editorjal kont...

Fuq nota oħra, dan l-aħħar laqtitni ħafna din l-osservazzjoni: “Power works best when it is invisible. When power becomes visible precisely as domination, it provokes resistance.” (mill-ktieb *Critical Resistance - From Poststructuralism to Post-Critique*, ta’ David Couzens Hoy, MIT Press, 2004, p. 15). Din hija sitwazzjoni li sirna ngħixuha ta’ kuljum fejn apparentement għandna minn kollox, mhux biss il-libertà (apparenti?), anki dik tal-espressjoni, bibien miftuħin għal kull tip ta’ edukazzjoni, il-possibiltà li nixtru dak kollu li nixtiequ anki jekk mhux bżonnjuż u bis-saħħa tas-sistema tas-self b’interessi, saħansitra l-libertinaġġ. U dan f’pajjiżi fejn taħkem id-demokrazija (inkluż tagħna), mela fejn il-poplu jaħkem minħabba l-poter li jagħtih il-vot. Bla ma nidħol f’ħafna irqaqat nafu li dan iwassal bil-mod il-mod għall-korruzzjoni morali, soċjali u l-bqija. Hemm soċjetajiet fejn mhemmx demokrazija u libertà u hemm verament hemm bosta tbatijiet u ħruxijiet li ma jixirqu xejn lill-bniedem. Hemm imbagħad soċjetajiet demokratiċi u liberali fejn il-gvernijiet jagħmlu minn kollox biex iżommu lill-popli tagħhom bi tbissima (kożmetika) fuq fommhom, basta ma jaqilgħux inkwiet. Anki din hija sitwazzjoni perikoluża ferm li wkoll tista’ twassal għal bosta tbatijiet u nuqqasijiet ’il quddiem. Eżempju ċar huwa l-każ tal-Greċja.

Dan b’xi mod jintrabat ukoll mat-teżi taż-”żewġ kulturi” - dik umanistika u dik xjentifika - li dwarhom tkellem u kiteb C.P. Snow daqs ħamsin sena ilu. Huwa kien wieħed minn dawk li sostna li biex bniedem ma jitqiesx illitterat kien jeħtieġ li jiġi mħarreġ f’dawn iż-żewġ oqsma ta’ għarfien. Ma jistax ikun li bniedem jissejjaħ bniedem ta’ kultura jekk ikun imħarreġ biss fil-lingwi u fil-letteratura, jew min-naħa l-oħra fix-xjenzi biss. Kif nafu, minn xi snin ’l hawn daħlet sistema edukattiva li toffri lill-istudenti l-opportunità li jitgħallmu suġġetti marbutin maż-żewġ kulturi, saħansitra max-xjenzi soċjali bħalma huma l-psikoloġija, is-soċjoloġija u oħrajn. Il-mistoqsija hi din: jekk sistema bħal din qedx tirnexxi ladarba r-riżultati juru li l-livell akkademiku qed jonqos drastikament minn sena għall-oħra. Anki hawn kellna żvilupp kwantitattiv imma mhux kwalitattiv. Żdiedu s-suġġetti u naqas iż-żmien li qed jingħata biex wieħed mhux biss jiffamiljarizza ruħu magħhom imma jagħmilhom tiegħu billi jaħkimhom bi studju serju u mhux ta’ malajr.

Nirrepeti, il-mira m’għandhiex tkun il-kisba taċ-ċertifikati f’qasir żmien u l-laħqa ta’ ċerti għanijiet għal wiċċ statistiċi li jmorru lil hinn minn xtutna, imma l-kisba ta’ għarfien veru li jservi kemm fuq livell individwali kif ukoll fuq livell soċjali u politiku. It-tentazzjoni hija li wieħed jistaqsi fiex se ssarraf fil-ġejjieni sistema bħal din meta l-ġenerazzjonijiet li qed jingħataw ċertifikati faċli se jiġu wiċċ imb wiċċ ma’ sitwazzjonijiet reali u jkunu jeħtieġu jieħdu deċiżjonijiet importanti li żgur ma jitteħdux jekk wieħed ma jkollux bażi soda?

Inbiddel is-suġġett. Bħalissa qed naqra ktieb mill-isbaħ u importanti ħafna għal min b’xi mod huwa marbut mal-qasam tat-traduzzjoni: dan hu *After Babel* ta’ George Steiner li oriġinarjament ħareġ fl-1975. Naf li f’dawn l-aħħar snin sar u għadu qed isir ħafna xogħol ta’ fejda fejn tidħol it-traduzzjoni ta’ xogħlijiet anki letterarji minn ilsna barranin differenti għall-Malti, u anki mill-Malti għal ilsna barranin differenti. George Steiner, f’dan il-ktieb ta’ 500 paġna jikxef bosta aspetti interessanti u importanti f’rabta ma’ dan il-qasam, u jikteb ukoll fit-tul dwar l-għodda li wieħed għandu jħaddem. Dan jagħmlu anki permezz ta’ bosta eżempji mil-letteratura dinjija li magħha huwa familjari sewwa. Illum aħna wkoll għandna bosta għodda li jgħinuna fil-qasam tat-traduzzjoni, fosthom dizzjunarji bilingwi u multilingwi, dizzjunarji tematiċi, anki *online,* flimkien ma’ Dipartiment tat-Traduzzjoni u l-Interpretazzjoni fl-Università ta’ Malta u l-kontinġent dejjem jiżdied ta’ Maltin li jaħdmu barra minn Malta li ta’ kuljum jittraduċu dokumenti ta’ natura differenti f’ilsienna. Il-Malti huwa lsien mill-isbaħ, flessibbli u jimxi maż-żminijiet. Inħobbuh u nibżgħu għalih.

# l-aħbarijiet

**IMUT IS-SINOLOGU TALJAN LIONELLO LANCIOTTI**

Fid-29 ta' Ġunju 2015 miet Lionello Lanciotti, id-dekan tas-sinoloġi Taljani, l-akkademiku li ġab lura liċ-Ċina f'Venezja billi lill-Ca' Foscari għamlu ċentru mill-aqwa tal-istudji tal-Orjentalistika, apparti Ruma u Napli. Lanciotti twieled f'Ruma fit-12 ta' Marzu 1925. Fis-snin ħamsin huwa reġa' daħħal fl-Italja l-Istudji Ċiniżi. Għallem mhux biss f'Venezja imma anki f'Napli, u rawwem interess kbir f'għadd ta' studenti li 'l quddiem kellhom isiru anki huma għalliema, fosthom Sandra Carletti, Mario Sabattini u Maurizio Scarpari. Il-qasam tal-istudju tiegħu kien l-istorja letterarja taċ-Ċina u l-ħsieb filosofiku antik. Dawn jidhru fil-kotba tiegħu *Confucio: la vita e l'insegnamento* (1968) jew *Letteratura cinese* (1969). Bħala traduttur qaleb *Sei racconti di vita irreale* ta' Shen Fu (1955) u ħa ħsieb il-ktieb dwar it-Taoiżmu li hu maħsub li nkiteb minn Lao Zi, *Il libro della virtù e della via. Il Te-tao-ching secondo il manoscritto di Ma-wang-tui*, 1981. Flimkien ma' Piero Corradini waqqaf l-Associazione italiana studi cinesi, u kien viċi-president tal-Istituto italiano per il Medio ed Estremo Oriente (Ismeo).



Is-sinologu Lionello Lanciotti

**IL-COLOMBIA UNIVERSITY PRESS ĦA TIPPUBBLIKA TRADUZZJONIJIET ĠODDA TAL-LETTERATURA RUSSA**

Lejn l-aħħar ta' Ġunju li għadda u waqt konferenza li saret f'Moska, akkademiċi u pubblikaturi Russi u Amerikani u uffiċċjali governattivi Russi ħabbru li kienu se jikkollaboraw rigward sensiela ġdida ta' letteratura Russa tradotta u li se tkun ippubblikata mill-Columbia University Press. Din l-idea, li għalissa ngħatat l-isem ta' Librerija Russa, se twassal għal forsi iktar minn mitt traduzzjoni ġdida ta' xogħlijiet letterarji Russi klassiċi u moderni. Dan hu proġett li se jipprova jnaqqas – għallinqas informalment - ftit mit-tensjoni li bħalissa hemm bejn ir-Russja u l-Amerka. Hu wkoll proġett li se joffri varjetà wiesgħa ta' perspettivi dwar ir-Russja, kemm mill-imgħoddi kif ukoll mill-preżent. L-idea qajmet ukoll dibattitu ta' natura akkademika ladarba bosta qed jistaqsu liema kotba se jiġu magħżulin, u jekk hix se tiġi inkluża letteratura ġdida post-Sovjetika. Id-direttriċi tal-Columbia University Press, Jennifer Crewe, qalet li hemm numru ta' klassiċi li jeħtieġu traduzzjonijiet ġodda, flimkien ma' għadd ta' xogħlijiet marbutin mal-letteratura Russa post-Sovjetika kif ukoll dik kurrenti. Il-frott ta' dan il-proġett għandu jibda jidher fl-2017. Il-konferenza kienet organizzata minn *Read Russia*, organizzazzjoni non-governattiva Amerikana, sponsorizzata parzjalment mill-gvern Russu li jippromwovi l-letteratura Russja f'għamla tradotta. Peter Kaufman, il-moħħ wara *Read Russia*, qal li dan il-proġett se jpatti għall-ħin mitluf f'rabta mal-promozzjoni tal-kultura Russa.

**JITĦABBRU R-REBBIEĦA TAL-PREMIO STREGA 2015**

Fil-bidu ta' Lulju 2015 ġie mħabbar ir-rebbieħ tal-Premio Strega għas-sena 2015 (id-69 edizzjoni ta' dan il-Premju prestiġjuż Taljan) li huwa Nicola Lagioia bil-ktieb *La ferocia* (Einaudi). Fit-tieni post ikklassifika Mauro Covacich bil-ktieb *La sposa* (Bompiani), u fit-tielet post, Elena Ferrante bil-ktieb *Storia della bambina perduta* (e/o). Ir-raba' post ġie mogħti lil Fabio Genovesi (*Chi manda le onde*, Mondadori) u Marco Santagata (*Come donna innamorata*, Guanda), li kisbu l-istess numru ta' voti. Min-naħa l-oħra, Katja Petrowskaja, mill-Ukrajina, rebħet il-Premio Strega Europeo (li jiswa 3000 ewro) bil-ktieb *Forse Esther* (traduzzjoni mill-Ġermaniż ta' Ada Vigliani, pubblikat minn Adelphi fl-2014 u

rebbieħ tal-Ingeborg-Bachmann-Preis 2013). Il-Premio Strega Europeo hu mitqies bħala "premio laterale" tal-Premio Strega li jrid jagħti omaġġ lill-kultura Ewropea u lir-rabtiet tagħha mal-Italja. Il-kittieba l-oħra li ħadu sehem kienu Rafael Chirbes (minn Spanja), bil-ktieb *Sulla sponda*, bi traduzzjoni ta' Pino Cacucci (Feltrinelli 2014), rebbieħ tal-Premio de la Crítica de narrativa castellana, u tal-Premio Francisco Umbral 2013; Stefan Hertmans (mill-Belġju), bil-ktieb *Guerra e trementina*, bi traduzzjoni ta' Laura Pignatti (Marsilio 2015), rebbieħ tal-Ako Literatuurprijs, De Gouden Boekenuil 2014; Alain Mabanckou (minn Franza), bil-ktieb *Pezzi di vetro*, bi traduzzjoni ta' Daniele Petruccioli (66thand2nd 2015), rebbieħ tal-Prix des cinq continents de la francophonie 2005; u Tommy Wieringa (mill-Olanda), bil-ktieb *Questi sono i nomi*, bi traduzzjoni ta' Claudia Cozzi u Claudia Di Palermo (Iperborea 2014), rebbieħ tal-Libris Literatuur Prijs 2013. Il-Premio Strega Giovani ngħata lil Fabio Genovesi għall-ktieb tiegħu *Chi manda le onde*. Il-gurija f'dan il-każ kienet magħmula minn bejn wieħed u ieħor 400 żagħżugħ u żagħżugħa ta' età bejn is-16 u t-18-il sena, magħżulin minn 44 skola fl-Italja u 3 barra mill-Italja (dis-sena minn Berlin, Bukarest u Pariġi). It-tieni post intrebaħ minn ċertu Zerocalcare għall-ktieb *Dimentica il mio nome*, u t-tielet post ngħata lil Elena Ferrante għall-ktieb *Storia della bambina perduta*.



**Ir-rebbieħ tal-Premio Strega 2015, Nicola Lagioia**

**OLANDIŻ JEW NETHERLANDIŻ?... IL-KUNSILL TAL-MALTI JIĊĊARA**

Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti qal li jagħraf li l-Olanda hi l-aktar forma komuni mal-Maltin u bl-ebda mod mhu jissuġġerixxi lill-Maltin biex jużaw in-Netherlands u Netherlandiżi minflok l-Olanda u l-Olandiżi. Dawn jistgħu jibqgħu jintużaw f'kull kuntest li mhuwiex politiku jew legali. Fi stqarrija l-Kunsill qal li jixtieq jiċċara li l-għażla tiegħu għall-isem "Netherlands" fil-lista bl-ismijiet tal-pajjiżi – li hi parti mill-Gwida tal-Istil Interistituzzjonali tal-Unjoni Ewropea – hi maħsuba għat-tradutturi tal-Unjoni Ewropea u għal-leġiżlaturi li jeħtieġu forma waħda standard, korretta politikament u ġeografikament għal kull isem ta' pajjiż, biex tintuża b'mod standard fil-liġijiet, id-direttivi, it-trattati u pubblikazzjonijiet oħra li jorbtu legalment; mhux għal kull pubblikazzjoni oħra li mhix legali (eż. letteratura, ġurnaliżmu, kotba tat-tfal, fuljetti tal-ivvjaġġar, eċċ.). Fil-Malti għandna numru ta' ismijiet ta' pajjiżi oħra simili li għandhom aktar minn forma waħda possibbli, bħalma huma ir-Renju Unit u l-Ingilterra, l-Ukrajna u l-Ukraina, u oħrajn. Fil-fatt, bħalissa l-Kunsill qed jiġbor lista b'dawn il-forom differenti ħajjin kollha tal-ismijiet Maltin biex min jikteb bil-Malti jkollu gwida ċara tal-varjazzjonijiet li jeżistu f'xi wħud, ilkoll possibbli. Din il-lista se tidher fis-sit elettroniku tal-Kunsill biex tintuża mill-pubbliku ġenerali li, fil-biċċa l-kbira tiegħu ma jiktibx pubblikazzjonijiet legali tal-Unjoni Ewropea. Dwar il-kliem mill-Ingliż fil-Malti, il-Kunsill għadu ma ħa l-ebda deċiżjoni, imma konxju ħafna mid-diffikultajiet li jeżistu fil-kitba ta' dan il-kliem. Fil-fatt, organizza numru ta' laqgħat u seminars pubbliċi (li wasslu għal ġabra ta' fehmiet differenti, li hi aċċessibbli wkoll mis-sit tal-Kunsill stess: http://kunsilltalmalti.gov.mt/filebank/documents/il-ktieb_finali_sa%20Nov%2008.pdf). Il-kumitat li twaqqaf apposta mill-Kunsill biex jiddiskuti u jistudja dan is-suġġett u l-fehmiet kollha tal-pubbliku li daħlu issa wasal biex jagħmel ir-rakkomandazzjonijiet tiegħu.

# l-aħbarijiet

**PREMJU UNIKU LILL-GĦAQDA POETI MALTIN**

Waqt Serata Kulturali li ttellgħet il-Ġimgħa, 3 ta' Lulju 2015, fis-sala tas-Soċjetà tal-Arti, Palazzo de la Salle, il-Belt, saret il-konsenja tal-Premju "Cibo di Conoscenza" lill-Għaqda Poeti Maltin għall-kontribut importanti tagħha favur kultura fuq d-Drittijiet Umani u fuq is-Soldarjetà. Il-Premju kien ingħata lill-Għaqda Poeti Maltin fis-6 ta' Novembru 2014, waqt Serata di Soldarietà per l'UNICEF, li saret f'Genova, l-Italja, u li kienet organizzata mis-Società Scappi's, flimkien mal-Amministrazzjoni tar-Reġjun tal-Liguria u l-Ente Fiera. Dakinhar Dr Roberto Malini rċieva l-Premju f'isem l-Għaqda Poeti Maltin. Minħabba li Dr Malini kien indispost, il-konsenja tal-Premju lill-Għaqda Poeti Maltin saret minn Dario Picciau, Ambaxxatur tal-UNICEF, waqt is-Serata Kulturali li saret Malta.



**Charles Magro u Dario Picciau**

**KONFERENZA STAMPA LIĠIJIET TAĊ-ĊENSURA**

Nhar it-8 ta' Lulju, 2015, fil-Kavallier ta' San Ġakbu, il-Belt Valletta, saret Konferenza Stampa dwar it-tibdiliet tal-Liġijiet taċ-Ċensura 'a posteriori' illi se jkun qed jippreżenta l-Gvern fil-Parlament. Il-Konferenza kienet indirizzata mill-Onor. Dr Owen Bonnici, Ministru għall-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali, u s-Sur Mark Camilleri, Kap Eżekuttiv tal-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb. Il-Kittieba u l-Pubblikaturi kienu mħeġġa biex ma jitilfux okkażjoni bħal din peress li dawn il-liġijiet jittrattaw potenzjalment prodotti artistiċi inkluża l-letteratura.

**PAĠNA FUQ FACEBOOK IDDEDIKATA LILL-KITTIEB U STUDJUŻ FRANS SAMMUT**

Il-bniedem u l-kittieb xi darba jew oħra jpassu minn din id-dinja, imma l-kitba tiegħu tibqa'. Il-kittieb, rumanzier u riċerkatur Frans Sammut kien wieħed minn dawk li ħallew warajhom xogħlijiet letterarji ta' livell għoli u li ma jintesewx, flimkien ma' pubblikazzjonijiet ta' riċerka interessanti qatigħ. Issa għal dawk interessati wieħed jista' jsib anki paġna f'ismu fuq Facebook. Il-ħolqa hija: https://www.facebook.com/pages/Frans-Sammut/869977446366151?fref=ts

**IL-VJAĠĠ FL-ISPAZJU U L-KITBA TAL-POEŻIJA**

Ftit jiem ilu n-naviċella New Horizons tan-NASA bagħtet ritratti ta' Pluto. Dan l-avveniment kien ta' ispirazzjoni għal inizzjattiva interessanti fuq is-sit soċjali Twitter fejn numru ta' poeti bagħtu għadd ta' ħajku f'rabta miegħu.

**KONKORS NAZZJONALI TAL-POEŻIJA "MONS. A. BUONTEMPO" 2015**

Bħal kull sena l-Għaqda Poeti Maltin nediet dan il-Konkors Nazzjonali tal-Poeżija li huwa miftuħ għal dawk kollha interessati minn 16-il sena 'l fuq. Kull poeżija tista' tkun f'kull forma, ma tridx tkun itwal minn għoxrin vers (20) vers, u trid tkun oriġinali u qatt imxandra jew ippubblikata qabel. Tista' tkun bil-Malti, bl-Ingliż jew bit-Taljan. Jingħataw premjiet fit-tliet kategoriji. Il-poeżiji flimkien mal-ħlas tal-parteċipazzjoni jridu jaslu għand il-President tal-Għaqda Poeti Maltin sal-31 t'Awwissu 2015. Lista tax-xogħlijiet li jkunu waslu għand President tidher fuq is-sit tal-Għ.P.M. Min hu interessat jista' jaqra r-regolamenti fil-paġna Facebook: https://www.facebook.com/GhaqdaPoetiMaltin?fref=ts

# reazzjonijiet

**E-mail mingħand Mario Griscti, it-2 ta' Ġunju 2015**

Għażiż Patrick,

Reġa' wasalli ġentilment mingħandek, "Il-Pont". Niżżikħajr. Mimli aħbarijiet siewja u kitbiet mill-aqwa. L-editorjal inkun nistennih ħerqan daqskemm nistenna l-poeżija u l-bqija tal-kontenut. Din ir-rivista letterarja elettronika qed tkun ta' ġid indimentikabbli għal-letteratura Maltija. Mingħajr kummenti u xinxilli żejda, qed twassal il-ħsus tal-kittieba u l-messaġġ ta' min għad baqagħlu l-kuxjenza jħobb lill-art twelidu u l-ilsien qadim tagħha. Bżonnjuża, m'hemmx dubju, il-paġna tal-aħbarijiet dwar l-aħħar pubblikazzjonijiet fis-suq. Patrick, "Il-Pont" huwa prova ta' kemm, meta biċċa xogħol tkun mibnija fuq pedament sod, titla' b'saħħitha u ddum is-snin.

B'Imħabba,
Mario

**E-mail mingħand Marielle Spiteri, l-4 ta' Ġunju 2015**

Għażiż Patrick,

Prosit dejjem ta' "Il-Pont" u idea tajba ħafna li fit-*timetable* jkollna iktar ħin għal-letteratura dinjija. Kellu bżonn jinbidel il-mod kif il-letteratura, l-arti, il-mużika jiġu mgħallma. Għall-istudenti dawn ifissru biss eżamijiet, noti, iktar noti u tagħlim bl-amment. It-tagħlim tal-poeżija għandu iktar lok għal diskussjoni bejn l-għalliema, l-istudenti, u l-istudenti bejniethom u mhux jiġi mgħoddi bħal per eżempju l-matematika b'ħafna noti u formuli. Nemmen ukoll li barra l-poeżija jkun xieraq li l-istudenti jingħataw iktar tagħrif dwar il-kittieba u poeti ħalli jħossuhom iktar qrib u fil-ħsieb tal-poeżija jew kitba. Kif qatt jista' student japprezza *Lill-Madonna tad-Duluri* meta qatt ma jkun qara fuq Rużar Briffa?! Din it-tiġrija biex inlestu s-sillabu qed toqtol l-għan ewlieni tal-arti - ir-ruħ fuq l-għerf: kemm taf biss u kemm tħoss xejn... uff!

Inselli,
Marielle

**E-mail mingħand Amanda Busuttil, l-1 ta' Lulju 2015**

Għażiż Patrick,

Ħajr u prosit bħas-soltu. Qed tagħmel ħafna ġid inti b'din ir-rivista letterarja u żgur li qed tixgħel daqsxejn ta' fanal bħal Majsi li jimla' lil qalbna b'tama.

Grazzi u prosit
Amanda

**E-mail mingħand Mario Griscti, it-2 ta' Lulju 2015**

Għażiż Patrick,

Niżżikħajr ta' "Il-Pont" (Lulju 2015). Kemm naqbel ma' l-ittra tas-Sur Narcy Calamatta dwar kif għandha tkun imwassla l-poeżija lill-istudenti mill-għalliema tagħhom!!

B'Imħabba,
Mario



***IL-PONT* JINTERVISTA lil ARNOLD CASSOLA FL-OKKAŻJONI TAL-MITT SENA MINN TWELID MISSIERU, ALBERT M. CASSOLA**

**Kif tiftakar lill-papà meta kont żgħir u kif tiftakru aktar tard meta kbirt?**

Kbir jew żgħir, dejjem l-istess: bilqiegħda wara skrivanija, dejjem jikteb (u jpejjep). Il-kitba kienet il-ħajja tiegħu.

**Albert M. Cassola kien iħobb it-Taljan, ippubblika kotba bit-Taljan (quddiemi għandi l-ġabra tal-poeżiji *Vagiti*), imma fid-dar lilek kien ikellmek bit-Taljan jew bil-Malti?**

Kien ikellimni bil-Malti, ... imma kien jagħtini l-"privat" id-dar tal-Malti u tat-"Taljan" minn mindu kont żgħir. Nistqarr il-verità, ta' tifel li kont, kont niddejjaq u kont inħoss dawn il-lezzjonijiet bħala kważi kastig.



**Kemm kien importanti għall-papà l-qasam tal-pubblikazzjoni fid-dawl tal-kotba li ppubblika? Liema minn dawk il-kotba – poeżiji, rumanz, traduzzjoni - li ppubblika kienu għal qalbu l-iktar? U liema taħseb ħallew l-akbar impatt fil-qasam tal-letteratura?**

Żgur li kienu fondamentali għalih. Lil missieri, kif nafu jien (miet meta kelli 20 sena), nafu bħala bniedem magħluq u introvers. Il-kitba kienet għalih il-mod liberatorju li bih jesprimi ruħu liberament. Naħseb li l-aktar illi kienu għal qalbu kienu x-xogħlijiet teatrali għalkemm jidher li l-aktar ġeneru li seta' ħalla impatt fuqu kien il-ġeneru tal-kitba għat-tfal billi huwa kiteb *Ġoġo Rummiena*, probabbilment wieħed mill-ewwel kotba bil-Malti miktubin għat-tfal.

**X'relazzjonijiet kellu l-papà mal-għaqdiet kulturali kemm Maltin kif ukoll barranin?**

F'Malta, milli niftakar jien, flimkien ma' ommi, kien attiv fil-kumpanija teatrali Maleth. Kien imbagħad midħla ta-ambjent teatrali u niftakar l-Allies bar, ix-Xatt ta' Tas-Sliema bħala ċ-ċentru ta' laqgħa ta' atturi u awturi teatrali diversi kull nhar ta' Sibt filgħaxija. Mal-letterati u l-kittieba Maltin kien jiltaqa' qisu mid-9 sas-1 pm kull nhar ta' Sibt il-Belt, il-Cafè Premier (waqt li jien inkun medhi naqra' xi ktieb tas-*Secret Seven* jew ta' Biggles!). Kien imbagħad f'kuntatt kontinwu ma' bosta għaqdiet letterarji u kulturali Taljani. Probabbli ħafna iktar minn dawk Maltin.

**Fejn tista' ssib il-pubblikazzjonijiet ta' Albert M. Cassola llum? Kemm taħseb għadu miftakar bħala kittieb?**

Nimmagina li l-aktar kollezzjoni kompluta hija fl-Universita' ta' Malta għax din is-sena (100 sena mit-twelid tiegħu) jiena rregalajt ħafna mid-dokumetazzjoni tiegħu u mill-kotba tiegħu lil-Librerija tal-Università. Naturalment, xogħlijiet oħrajn tiegħu jinstabu l-Bibljoteka Nazzjonali.

**Kemm influwenzatek il-personalità ta' missierek fejn jidħlu mħabba u interess lejn il-letteratura in ġenerali?**

Bla dubju kienet influwenza enormi. Il-fatt li kbirt f'dar kollha kotba u b'ommi u missieri jinkuraġġuni naqra minn mindu kont żgħir effettwani ħafna. Is-sabiħa hi li kont niddejjaq nara lil missieri dejjem jikteb u jgħidli nbaxxi t-TV għax ried jikkonċentra, jaħseb u jikteb. Is-sabiħa hi li biż-żmien spiċċajt appassjonat tar-riċerka... daqsu u aktar minnu.

**Ġieli ħassejt li missierek jista' jagħtik iktar ħin minħabba dawn l-affarijiet?**

Le, naħseb li missieri u ommi tawni l-imħabba u ż-żmien kollu possibbli f'ħajjithom, u ta' dan irrid nibqa' grat dejjem lejhom.

# ktieb mill-qrib (1) Carmel Mallia

***POE* ta' Carmel Mallia, 2014.**




Biex ifakkar l-erba' anniversarji nazzjonali li Malta ċċelebrat fis-sena 2014 - il-35 sena ta' Jum il-Ħelsien, l-10 anniversarju ta' meta pajjiżna ngħaqad fl-U.E., il-50 sena tal-Indipendenza u l-40 sena ta' Malta Repubblika - Dr Carmel Mallia ppubblika Ġabra ta' poeżiji b'ħames lingwi differenti: bl-Ingliż, bl-Esperanto, fil-Franċiż, bit-Taljan u naturalment bil-Malti. Madwar 80 poeżija b'kollox.

Dan juri kemm Mallia hu midħla ta' dawn il-lingwi, juri wkoll il-kultura li għandu miżrugħa fih b'għeruq fondi. Nemmen li fil-kitba, b'mod partikolari fil-poeżija, il-lingwa hija biss il-libsa; ir-ruħ tagħha tinsab fil-ħsieb u forsi wkoll fin-nisġa. Interessanti huma l-kwotazzjonijiet li l-awtur ġabar dwar it-tifsira tal-kelma poeżija; b'hekk il-qarrej isib ideat differenti li żvolġew dwarha matul is-snin.

Iżda forsi wieħed jistaqsi: Imma xi tfisser il-poeżija għall-awtur innifsu? It-tweġiba għalkemm tinsab fil-versi *A Poem* u *Moderna Poeto*, tinsab ukoll fil-Ġabra kollha kemm hi. Għax il-poeta jqis din l-arti bħala dak li jħoss u jemmen fih; fi kliem sempliċi, Mallia jqis il-poeżija bħala biċċa minnu stess tant kemm hi magħġuna miegħu.

It-tema ewlenija f'din il-Ġabra hija l-bniedem. Il-bniedem li jiġi fid-dinja u jkollu jgħix ħajja minsuġa minn mumenti sbieħ u minn oħrajn koroh. Fil-fatt, il-poeta daqqa jħossu mimli ottimiżmu u tama (*I Sing*, *Al Bivio*) u daqqa jilmenta għax il-ħajja fiha ħafna mistoqsijiet bla tweġiba (*Ode al Dolore*). Huwa donnu wkoll jissieħeb ma' dawk li jħarsu lejn ix-xjuħija bħala marda bla fejqan u jgħajtu b'mod kemxejn iddisprat: maledetta vecchiaia! F'diversi poeżiji bħal *Il-Ħajja tal-Lum* il-poeta jħossu mdejjaq u jħares lura f'xi waqtiet b'lenti nostalġika.

Min-naħa l-oħra, suġġet li jidher jinkwieta mhux ħażin lil Carmel huwa l-misteru li hemm mistur fil-ġejjieni. Huwa jxebbhu ma' dlam profond li jxekkel lil dak li jkun milli jara. Versi bħal *La Voix*, *Nel Grembo Oceanico* u *Tgħid?* juru d-dubju li jkidd sew lill-poeta li jippreferi l-ħajja mill-mewt, il-ferħ min-niket, is-saħħa mill-uġigħ.

Imma l-faraġ Mallia jsibu f'Alla kif jistqarr fil-versi *O Alla*: "U meta nkun imdejjaq/ lejk biss indur, u fis jgħaddili l-krib". Poeżiji b'temi reliġjużi hemm oħrajn bħal *Lo So*, *Fuq il-Golgota*, *Missierna Pawlu* u *L'Abbè Pierre*. Imbagħad hemm temi oħrajn li l-qarrej ser jiltaqa' magħhom f'din il-Ġabra sabiħa ta' Dr Mallia; Ġabra mżewqa wkoll b'tifsiliet differenti tal-poeżija, minn dawk tal-vers maħlul sa dawk endekasillabi. Ir-rima perfetta li ssaltan f'bosta versi toħloq mużikalità li tpaxxi l-widna tal-qarrej/semmiegħ.

**ALFRED MASSA**

# ktieb mill-qrib (2) T. Zarb u A. Sciberras




***AWTOSKATTI - VERSI U LINJI* ta' Tarċisju Zarb u Andrew Sciberras, 2015.**

Ninsabu qed ngħixu f'era fejn donnu xejn ma baqa' jgħaġġibna, minkejja li naraw ħwejjeġ li għandhom jgħaġġbuna. Imma mhux għall-kittieb. Dak li jikteb huwa l-ħassieb, il-filosfu ta' dan in-nifs li qed nieħdu fis-sekonda; it-tabib li jipprova jsib il-kura għal din il-marda ta' żmienna. Il-ktieb *Awtoskatti* ta' Andrew Sciberras u Tarċisju Zarb ma jurix biss espressjoni ta' arti mill-isbaħ fis-sengħa tal-kitba, imma huwa għodda rżina għall-qarrej biex appuntu jaħseb b'moħħu u mhux b'moħħ il-midja, li ta' kuljum jwasslulna x-xena tad-dinja 'l fejn hi miexja.

Dak li dammew flimkien dawn iż-żewġ kittieba huwa bħat-*traffic lights* fil-mawra tagħna tal-ħajja. Ilkoll qed insegwu l-kefrija li qed jgħaddu minnha persuni ta' ġilda skura, magħrufin magħna bħala r-refuġjati/immigranti irregolari. Imma l-kittieb jistaqsi: 'Dak li ħadmu għalih persuni bħal Harriet Tubman, Martin Luther King, Mandela u eroj oħra kien kollu ta' xejn?'

Il-kittieb jistaqsi: 'Imma għala fis-seklu tagħna dawn in-nies għadhom qed ibatu minflok ma jagħtu kontribut siewi lid-dinja bit-talenti tagħhom?' M'ilniex wisq, fakkarna lid-dinja bil-kruha tal-Olokawst fuq il-Lhud mill-Ġermaniżi permezz tal-Letteratura u films ċelebri f'*The Boy with the Striped Pygamas* tal-Irlandiż John Boyne, id-djarju ta' Anne Frank, *Schindler's List* (mill-ktieb *Schindler's Ark* ta' Thomas Keneally) u oħrajn. Imma li tara mill-ġdid imwiet ta' rġiel, nisa u tfal f'baħar ċimiterju, m'aħniex qed nerġgħu ngħixu t-tieni Olokawst fis-sena 2015? Il-versi ta' Sciberras jipprotestaw kontra dan il-fattur:

'Int taf kif l-istallett
imdennes daħal u ħareġ
fil-feriti miftuħa u fondi
u qagħad jgħodd is-sekwenzi tas-sekondi
qabel mal-akkwarju tal-memorja
bil-piranas inkesa.'
(Mill-poeżija *Il-Mara ta' Misurata*)

F'Tarċisju Zarb naraw versi mlaqqmin 'mhumiex suġġetti ta' Poeżija' u infatti bihom irid ikun dik is-siringa li biha jagħti t-tingiża lis-soċjetà. Postscriptum: 'Il-poeżija qisha raqdet. Daħlet f'qoxritha. Fittxet irkejjen speċifiċi. Ikkonsagrathom għaliha. U issa. Issa li dħalna f'*template* ġdid ta' realtà, bħal qisu ċċassat. Jew le!?' Għaldaqstant suġġetti li qed jiġru fir-realtà tagħna, huma riflessi b'intensità fil-poeżiji ta' protesta ta' Andrew Sciberras tul dan il-ktieb.

John Ashberry sostna li 'There is the view that poetry should improve your life.' Għalhekk meta poeta qed jindirizza realtà, il-fatt li qed juri sentiment u emozzjoni, ġa qed iċaqlaq forsi daqsxejn ilma qiegħed biex l-affarijiet jitjiebu. Kollox jibda mill-Kelma u jekk dak li jkun jevalwa, din tista' tissawwar f'realtà. Imma mill-banda l-oħra, il-poeżija hija opra abbandunata:

'Bdejt. Dil-poeżija.
Hawnhekk.
Taħt din is-siġra.
Fuq dan ix-xefaq.

Għadni ma lestejthiex.
Se jkolli nabbandunaha.'
(Tarċisju Zarb- /*Abbandun*/paġna 78)

Zarb jenfasizza ħafna t-temi tiegħu tal-Poeżija. L-istil delikat li juża f'din il-ġabra għandu jfakkar lill-qarrej fil-poeżija ta' Ġorġ Borg. Ħsieb kbir imfisser fi kliem qosra u sempliċi.

'Illejla qabel norqod.
Se nikteb poeżija.
Biex hekk.
Waqt li nkun rieqed.
Din tibqa' ddur ġo fija.
U tibqa' ġewwa moħħi.
Tad-dalma l-isbaħ dija.'
(Tarċisju Zarb */Poeżija/*paġna 65)

Imbagħad f'paġna 72 Zarb jantropomorfizza l-poeżija b'dan il-mod li tfakkar lill-qarrej fil-poeżija *Il-Kebbies tal-Fanali* ta' Anton Buttigieg :

'Ħallejtha. Jumejn. Tlieta.
Il-poeżija.
U jmissni nistħi.
Lanqas essemess ma bgħattilha...
...
Dalgħodu. Madanakollu.
Gerfxitni.
Għax ġiet. Itektikli.
Ma' dit-tieqa.'

(Tarċisju Zarb */Tektika/*)

Poeżija oħra li laqtitni mill-kollezzjoni ta' versi ta' Zarb hija dik ta' paġna 61 */L-Ekonomija/* li fiha juri t-tema tal-bidla taż-żmien u l-ironija tal-ħajja. It-tfajliet jinqabdu tqal f'età żgħira, naturalment ommijiethom ma jkunux jistgħu jieħdu ħsieb lit-trabi għax jibqgħu jaħdmu u ddur bit-tfal l-imsejkna nanna. L-ironija hija li n-nanna tingħata l-grazzi billi 'U l-Filippina tieħu ħsieb lin-nanna Severina'.

F'Zarb naraw wkoll protesta kontra l-politikanti ta' dawn iż-żminijiet:

'Hemm mod wieħed ta' kif joffenduk.
Meta tibda tirraġuna.
Jgħidulek: Qiegħed tiffilosofizza.'
...
'Huma le. Huma jirretoriċizzaw.
Jimpalaw. Joħorġu t-tenders.
Iqabbdu 'l dawk. U lil ieħor.'
(Mill-poeżija */Huma Le/*paġna 70)

F'paġna 59 naraw f'Zarb it-tema tal-kriżi fl-ambjent. Naraw is-sarkażmu f'li jaqtgħu l-ħurrieq minn mar-*roundabouts* biex flokha jiżirgħu 'żrieragħ ta' fjur. State-of-the-art'. Dawn il-versi jfakkru lill-qarrej fil-poeżija *Iż-Żabra* ta' Victor Fenech li kienet ħalliet impatt qawwi fuq kull min hu familjari magħha. Infatti Zarb jgħidilna: 'U ffumigawh. Bil-ħurrieq. Jitbekka. Mimdud fl-art.'

F'Andrew Sciberras, naraw versi ddedikati lil Karmenu Vassallo b'ċerta familjarità, tant li jsejjaħlu 'Karm'. Il-poeta tan-nirien huwa maħbub ferm minn dawk li jħossu esperjenzi ta' tbatija, ġaladarba dan il-poeta maħbub tar-Romantiċi, għaraf jesprimi b'tant passjoni t-tbatijiet li minnhom jgħaddu bosta bnedmin. Sciberras isostni:
'Karm qalbek matmura ta' tjieba perpetwa
u f'waqt ta' manija inkontrollabbli
qaċċattha mill-għeruq tal-qafas ta' sidrek mgħaddam
u b'qaws splendenti garajtha...'

Dawn il-versi lil dan il-poeta jixhdu dak li qal dwaru Marcel Zammit Marmarà fil-ktieb *Il-Ħajja ta' Karmenu Vassallo*: 'Karmenu Vassallo bħall-poeti veri, ma ntemmx ma' mewtu, iżda baqa' ħaj bis-saħħa ta' xogħlijietu, u b'hekk setgħet isseħħ xewqtu li kitbietu jkunu għalih 'momentum aere perrennius''. Il-kitbiet ta' Vassallo tant kienu ta' ispirazzjoni għal Sciberras, li ħassu jistrieħ jitkellem direttament ma' poeta kbir li jista' jifhmu.

Fil-poeżija *Assad* Sciberras joħloq dissonanza f'dawn il-versi:
'Minn riġlejh żlugati kien jisponta l-ħurrieq żieni
jidgħi bl-allat foloz tal-abbandun totali.
F'moħħu sangisug fassal li darba jdejh spulpjati
għad jiċċappsu bid-demm rozz tal-buffi kriminali
b'wiċċhom mistur b'maskri grotteski
meħjutin bi mselel imsaddin.' (paġna 10)

Il-poeta Sciberras jiddedika poeżija lil ommu bl-isem ta' *Imħabba*. F'din il-poeżija l-poeta joħloq chiasmus biex jenfasizza l-ispiritwalità:

'...l- Wieħed u l-Kollox
il-kollox u l-Wieħed' (paġna 22)

Infatti din it-tema, tispikka ħafna f'Sciberras u spiss fil-versi tiegħu jissemma d-Dalai Lama, Brahman, Ruħ il-Qodos u Alla.

Fil-poeżija *Bakkanalja* naraw versi ditirambiki (paġna 26):
'U f'leħħa ta' berqa l-ispirtu ta' Bakkus
mill-qafas ta' sidri jaħfini u jippossedini
u niftaħ l-għotjien tal-patalotti taż-żebgħa preġjuża
u bl-ilwien inpitter l-istinti primittivi
fuq injama mhux xkatlata.'

Fil-poeżija *Trapass* insibu ossimoru f'dawn il-versi:
'bla ma nintebaħ
li jien il-mejjet
li għadu ma mietx.' (paġna 27)

Mill-kliem ta' Achille Mizzi Sciberras 'għandu interess, impenn u involviment li juri ħerqa, imħabba u kompassjoni lejn l-umanità li ssofri u juri qilla u intolleranza kontra l-inġustizzji li d-dinja tagħna hija miżgħuda bihom' (Mill-ġabra poetika *Katarsi*). Il-linji ta' Zarb huma linji sereni imma li drabi juru diżappunt fin għal dak kollu li sejjer żbaljat.

Din il-kullana li għaqqdu flimkien dawn iż-żewġ kittieba mhux biss hi validissima għaż-żmien li qed ngħixu fih, imma twassal ukoll messaġġ nobbli li l-ħajja hi prezzjuża u jeħtieġ li napprezzaw dak kollu li għandna. Jiena nawgura lil dawn iż-żewġ kittieba u nifirħilhom minn qalbi għal dan il-kliem li tawna biex nixtarru u naħsbu fuqu. *Awtoskatti* għandu jingħoġob minn min iħobb il-ħajja u minn min għadu jsib il-valuri moħbija madwarna. Ralph Waldo Emerson (1803-1882) qal: 'Words are also actions, and actions are a kind of words.'

**Referenzi:**

Friggieri, Oliver. 'Dizzjunarju ta' Termini Letterarji'. Peg Publications, 2000.
Moore, Edwin. 'Quotations on the Air', Fifth Edition, 2004. Harper Collins Publishers, 2004.
Serracino Inglott, Mario. 'Dizzjunarju Malti'. Merlin Publishers, 2000.
Sciberras, Andrew. 'Katarsi', 2011.
Sciberras, Andrew. 'Frammenti minn moħħi', 2013.
Zammit Marmarà, Marcel. 'Il-Ħajja ta' Karmenu Vassallo', SKS, 2012.

**AMANDA BUSUTTIL**

**ĦAJKU**

**L-Ambjent**

Elf siġra nħawlu,
'mma neqirdu frott il-ġuf.
Għal min is-siġar?

**Lill-Peprin**

Taf tiftaħ l-għajnejn
b'lewnek demmi, 'mma traqqad
fil-fond bil-loppju.

**L-Arloġġ**

Ma' kull tektika
tħaffirli sew fil-qabar.
Xi darba nasal.

**Ir-Riħ**

Lil min qed tfittex
ja brikkun, dejjem tgħarrex
f'kull rokna iddur?

**Ir-Rebbiegħa**

Tbewset mal-frieghi,
li welldu nwar u fjuri;
isaħħruk l-ilwien.

**LINA BROCKDORFF**

**ĦAJKU**

Li kelli nħallas kont
tal-imħabba li rċevejt
jien midjun kbir.

Teħles mill-akkużi,
mhux m'għand Maġistrat
imma minn ilsien n-nies.

**KEVIN TANTI**

# ir-rakkont (1)

Carmen Refalo



**1953 - IN-NANNU KIEL ĦALLIENI**

Għan-nannu, jien kont ġawhra li żejnet lil xjuħitu.

Għalija, hu kien xwejjaħ imgerfex fi bluhitu!

Għadni sal-lum niftakar dakinhar u nħossni qed naqbeż… tielgħa u nieżla fuq saqqu baxx u iebes. Kull meta ninżel fuqu, saqajja jiżolqu kemm kemm u nħoss ponot rotob li mad-daqqa ta' saqajja, jinżlu 'l isfel biex jerġgħu jinħbew ġo fih!

Kont għalaqt ħames snin is-sajf ta' qabel u kont qed naqbeż fuq is-saqqu tal-ħaxixa, tas-sodda tiegħi.

Niftakar li dak il-ħin kont waħdi fil-kamra ta' ġewwa, għax riduni norqod, imma jien kont naf li kollha kienu għadhom imqajmin. Il-kamra kienet mudlama, bil-bieb li jagħti għal-loġġa mbexxaq u bil-bieb il-baxx, għal taħt it-taraġ, miftuħ. Fuq il-bieb il-baxx kien hemm xkaffa ċkejkna imdendla mal-ħajt, mimlija Santi u bozza ħamra, tawwalija mixgħula quddiemhom.

U minn fejn kont stajt nisma' t-tgemgim ġej mill-kontrantrata.

Komplejt naqbeż u naqbeż u nieħu gost! Kienu jafu li ma kontx rieqda imma ħallewni naqbeż. Minn ħin għall-ieħor iz-zija Marì kienet tbexxaq il-bieb biex tittawwalli; tħares lejja, ma tkellimni xejn u tkompli fil-loġġa! Kont naf x'kien hemm fil-kontrantrata! Xi ħaġa mhux tas-soltu; qatt ma kont rajtha qabel.

Iz-zija Marì kienet ratni nimmolla, in-naħa tar-rokna mal-ħajt, minn fejn ma stajtx naqa'; kont boċċa u bil-kemm kont ninqata' minn mas-saqqu. Imma jien niftakarni naqbeż... intir… u nogħla… nintelaq fuq is-saqqu u nieħu pjacir!

Niftakar fil-ħemda li kien hemm madwari li ma dejqitni xejn! Kien billejl imma fil-meżżanin konna mqajmin!

Qabel ma dalam, kif wasal missieri, hu u z-ziju Ġuż qalgħu il-pumi tal-bieb ta' barra. Is-soltu missieri kien jiġi fid-dawl u jmur qabel ma jidlam… imma dak il-lejl kien baqa' magħna. Qabel ma daħħluni fis-sodda kont rajtu bilqiegħda ħdejn iz-ziju Ġuż.

Kien bilqiegħda, b'daru mgħawweġ kemm kemm 'l isfel, b'minkbu fuq koxtu, b'idejh ix-xellugija jżomm geddumu, waqt li jitkellem, taħt l-ilsien, ma' ħuh.

Stajt nisma' liz-zija Ċett titlob taħt l-ilsien u oħrajn ikomplu magħha. Mil-loġġa beda ġej iċ-ċekċik tat-tazzi; ikolli ngħid kienet iz-zija Marì. U n-nanna… ma kienx hemm ħossha.

Kienu qaluli li n-nannu Kieli kien miet; minn jaf x'kont fhimt!

Kont naf li kien fit-tebut fil-kontrantrata b'wiccu 'l fuq, għax kont mort nittawwallu kemm-il darba. Kont naf li t-tebut kien mgħolli mill-art fuq strippi tal-injam; kont rajt kollox meta Żeppi tat-twiebet ġie jarmah! U meta lesta qgħadt inħares lejn in-nannu ġot-tebut. U z-zijiet ħallewni! U għamlu sew! Kien in-nannu tiegħi li tant kont inħobb! Li għadni nħobb sal-lum! U d-dmugħ li ma niżelx minn għajnejja dak inhar qed iċarċar issa, li nixtiequ hawn, ħdejja!

Kont naf li fin-nannu kienet saret bidla; imma bqajt naqbeż u nilgħab. X'aktarx li ta' ċkejkna li kont, ħassejt li kollox kien, kif kellu jkun!

Fis-skiet tal-lejl ma kontx waħdi u ridt nibqa' mqajma… ridt nibqa' nduq il-ħajja li kienet għadha tbaqbaq fil-meżżanin!

U f'daqqa waħda smajt tpespisa; waqaft, inżilt bilqiegħda fuq is-saqqu nistenna nismax oħra! Bsart x'kont smajt. Iva! Sewwa kont smajt; f'widnejja waslet tpespisa oħra!

Inżilt niġri mis-sodda u nkiss inkiss ersaqt lejn ir-rokna, fejn kien hemm il-kaxxa bil-qroqqa, imdawra kollha bit-tiben ħiereġ minn taħtha. Tbaxxejt nittawwal u rajt ras ċkejkna ta' fellus ħierġa minn bejn ir-rix tal-ġwienaħ t'ommu.

Tlaqt niġri għal ħdejn iz-zija Marì,

"Zi, l-flieles bdew ifaqqsu!"

Iz-zija Mari` marret ħdejn oħtħa, li kienet għadha titlob,"Ċett, il-lum qajjimtha lil-qroqqa?

Tajtha tiekol u tixrob? Għax jien, jaħassra, insejtha għalkollox!" smajtha tgħidilha.

"Kollox ħadt ħsieb jien, oħt," u kompliet fejn kienet waqfet.

"Karm mur fis-sodda; toqgħodx tersaq lejn il-qroqqa; jekk tisfrattha jmutu l-flieles kollha," qaltli z-zija Mari`.

Ħadd ma ġie jifraħ lill-qroqqa, ħadd ma gie biex jittawlilha bħas-soltu. Imma jien dak il-lejl, qalb il-mewt, indunajt bil-ħajja ġdida li kienet qed titwieled fil-meżżanin! U erġajt bdejt naqbeż u nilgħab; u nifraħ ma' kull tpespisa li bdejt nisma'.

L-għada fil-għodu qajjimni l-għajjat tan-nanna!

Qbiżt mis-sodda u fl-intrata rajt il-qassis u l-abbati jistennew sakemm żewġt irġiel bdew jagħlqu it-tebut. Jien mort nitgeddes maz-zija Mari` għax in-nanna bdiet tixher kemm tiflaħ waqt li z-zija Ċett bdiet iżżommha sakemm dawk l-irġiel, missieri u z-ziju Ġuż, ħarġu wara l-qassis bit-tebut fuq spallithom.

U għalkemm lin-nannu ma rajtux iżjed, qatt ma niftakar li bkejtu jew li xtaqtu jiġi lura. Aċċettajt dak li ġara dakinhar minhajr swied il-qalb. In-nanna u wliedha bkewh quddiemi u komplew b'dak kollu li kellhom jagħmlu; jien x'aktarx li fhimt dak kollu li kien biżżejjed għalija. U wara das-snin kollha għadu hemm, ħaj, fit-tifkiriet tiegħi.

—————— o ——————

**JEKK TARANI**

Jekk tarani x-xemx ninpala
biex kamarti nsaħħan sew,
jew kastelli nibni fl-arja
li qatt mhuma se jinbnew;

jekk tarani nagħżaq fl-ilma
fejn ma nista' nħawwel qatt,
jew nipprova l-baħar kollu
nimla f'ħofra fuq ix-xatt,

la tħarisx lejja b'mogħdrija
u għal triqtek tibqa' għaddej,
imma ieqaf u għidli sewwa
kif se nuża ż-żmien li ġej...

għaliex l-għabex mhux imbiegħed
u kull dell qiegħed jitwal,
anki l-passi ħfief ta' dari
issa bdew ikaxkru tqal.

**CARMEL G. CAUCHI**

**IL-MUŻA TIĠI ŻŻURNI...**

Il-Muża bħar-riħ,
daqqa tiġi żżurni kollha ħlewwa,
tiżżeffen bħal farfett,
li għadu kemm infatam minn ġol-fosdqa,
u toqgħod titliegħeb ma' ħsiebi,
u daqqa tiġi tvenven bħal żunana,
bix-xewka imħejjija biex tniggiżni,
tferini, u titlaq bla ma ttini,
sodisfazzjon.

Il-Muża tiġi żżurni qisha tfajla,
daqqa sabiħa,
tiddandan b'ilbies fin kollu kuluri,
bl-irwejjaħ tal-fjuri,
bil-fwieħa tal-balzmu,
jew bix-xamm tal-inċens.
U ġieli tiġi liebsa sewdinija,
vistu strett,
u tħalli f'qalbi biss,
malinkonija.

U ġieli tiġi żżurni bil-kimono,
b'libsa twila sa fuq palet saqajha,
u ġieli tersaq lejja b'mini skirt,
u aktar nibqa' nokrom għal warajha.

Tiġi kif trid, għax dak li jgħodd għalija,
hu li magħha ġġibli ħjiel tal-poeżija.

**CHARLES MIFSUD**

# ir-rakkont (2)

Lina Brockdorff

**KUĠINUH NESTU**

Is-segretarju tal-Prim, jew aħjar, martu, kellha l-ewwel tarbija. Kien xieraq għall-okkażjoni bħal din li ssir ċelebrazzjoni. Hekk sar, festin li għalih kienu mistiedna mhux biss il-pampaluni tal-partit tal-Ħomor li kienu fil-Gvern, imma wkoll dawk tal-Oppożizzjoni. Xejn xejn biex juruhom li jafu kif imorru l-affarijiet mhux billi dejjem jgħajruhom li huma injoranti. Billi kien is-sajf u t-temp jippermetti, din l-okkażjoni kellha ssir fil-ġnien tal-villa ta' wieħed mill-Ministri.

Kien f'dan il-festin li t-Tabib Nestu Attard ġie wiċċ imb wiċċ ma' kuġinuh Turu Tanti li kien ilu ma jkellem snin twal. Ftakru għax ftit qabel kien ra ritratt tiegħu fuq xi gazzetta meta kabbar il-fabbrika tal-inbid. Tiskanta, joqogħdu t-tnejn fuq din id-daqsxejn ta' gżira u bilkemm temmen li jkollhom jgħaddu tant snin biex dak li jkun tiltaqa' miegħu. Barra mill-fatt li ma tantx kienu jqattgħu xagħarhom għal xulxin. Aktar minn hekk, il-ħajja soċjali tagħhom mhux li kienet tgħinhom biex jiltaqgħu. Imma x-xitan ġabha li dak in-nhar kien jaqbel għat-tnejn li huma jitkellmu u jippruvaw ikomplu ma' xulxin.

"Ara d-dott hawn! Kemm ilna ma niltaqgħu hux? Kif inhu kulħadd?" Il-kulħadd kien ifisser it-tabib u martu għax għalkemm kien ilhom miżżewġin madwar għaxar snin kien għadhom bla tfal.

"Mhux ħażin, mhux ħażin. Stella għandha ftit tad-deni, ma setgħetx tiġi miegħi. Intom kollox sew?"

"Ma ngorrx wisq..." wara kompla bi tbissima: "taf meta nkunu sew Nest, meta jitla' l-partit tagħna. Imma tibżax taf, kollox jasal. Min jistenna jithenna."

"Issa naraw… issa naraw…" kompla miegħu nofs qalb l-ieħor b'nofs tbissima. Sadattant resaq qribu xi wieħed mill-kapurjuni sħabu u pespislu xi ħaġa f'widintu. "Jiddispjaċini Tur, ser ikolli nħallik, jixtieq ikellimni l-Prim. Għandi pjaċir li rajtek, ejjew oqogħdu."

"Mela le, hekk nibqgħu…" gerger Turu waqt li qarras wiċċu u telaq 'l hinn ifittex lil martu.

Omm Turu u omm Nestu kienu aħwa. Diment li kien għadkom xebbiet jgħixu d-dar m'ommhom u missierhom, tista' tgħid li kienu bħal bosta aħwa oħra Maltin: jingwalawha, joħorġu flimkien, bilkemm joqogħdu mingħajr xulxin. Għall-familja tagħhom il-politika partiġjana ftit li xejn kellha x'taqsam magħhom. Tasal l-elezzjoni, forsi jmorru jivvutaw u ftit tagħmlilhom differenza jekk jitlax wieħed jew l-ieħor. Qatt ma jiddiskutu x'sar fil-parlament, qatt ma jaqraw gazzetti għax kliemhom biss fuq l-uċuh tar-raba' tagħhom, il-mard li jattakka l-ħafna annimali li kienu jrabbu u jbigħu fis-suq flimkien mal-aħjar pestiċidi li jħejju biex bihom iroxxu l-kwantità ta' dwieli li fuqhom jistrieħ in-negozju tal-inbid li bdew bosta snin qabel.

Omm Turu kienet il-kbira u kif drabi jiġri l-ewwel waħda fost l-ulied li żżewġet. Kienet innamrat ma' wieħed mill-istess ħaddiema tal-fabbrika tal-inbid ta' missierha, ċertu Menzju Tanti. Raġel sew kemm tridu, imma ara jiftillek ixxellef dufrejk miegħu u tgħid xi kelma kontra l-Koħol. Martu qatt ma merietu f'xejn, la kienet tifhem u lanqas qatt ħasset il-bżonn li ssir tifhem. Taf u taċċetta li f'dawk il-ftit ġimgħat tal-elezzjoni żewġha jsir xi ftit nervuż u warrab rasek jekk tikkuntrarjah f'xi ħaġa.

Omm Nestu, jew aħjar Ernesto għax dak kien il-propju ismu, iżżewġet lil Ċisju Attard, segretarju ta' xi għaqdiet tal-ħaddiema. Dan kien ixaqleb biċċa sew lejn il-Ħomor u martu bdiet bil-mod tindiehes u titgħallem xi ħaġa dwar ix-xogħol ta' żewġha, id-drittijiet u l-problemi tal-ħaddiema, u kif jekk il-ħaddiem ma jkollux min jaqbeż għalih, miskin jispiċċa ikkalpestat.

L-ommijiet wara li żżewġu damu biċċa sew imorru jittawlu lil-familja fejn kien għad hemm in-nanna, il-missier u xi ħamest aħwa iżgħar minnhom, imma mhux l-ewwel darba li jkunu hemm l-irġiel ukoll u l-qiegħa tibda tisħon. Sa ma fl-aħħar l-omm tathom parir biex imorru f'jiem differenti għax ma ridithiex għad-dinja li dawk iż-żewġ irġiel jiġu fl-idejn waqt li jkunu f'darha stess. Il-kuntatt bejn iż-żewġt aħwa beda jinqata' ħelu ħelu. Lanqas tgħid li kienu joqogħdu fl-istess raħal għax omm Turu bl-oqsma tar-raba tagħhom kienu lejn Il-Fawwara waqt li omm Nestu, minħabba x-xogħol ta' żewġha xtaqet li jkunu fil-qalba sew ta' Malta, sabu post Il-Furjana.

Għaddew ftit tas-snin, iż-żewġ familji kellhom it-tfal li rari jew qatt ma sabu okkażżjonijiet li fihom jiltaqgħu għajr għall-funerali tan-nanniet fejn it-tfal

bilkemm tkellmu jew sellmu lil xulxin. L-aħwa, tajjeb jew ħażin qalu xi erba' kelmiet bejniethom, u daqshekk.

Meta Turu u Nestu kellhom qrib is-sittax-il sena Turu medd għonqu mill-ewwel għax xogħol ma' missieru, kuġinuh Nestu mar l-Università fejn beda l-kors tal-mediċina. Ma kienx kuntent li jieqaf hemm, xtaq li jsiefer u jispeċjalizza fil-mard tal-qalb l-aktar fit-tfal. Tgħidx kemm dam barra jistudja tant li meta dawk tal-Fawwara semgħu xi ħaġa dwaru bilkemm riedu jemmnu u tgħidx kemm għaddew kummenti:

"Issa tara, id-Dottor Nestu kemm qed jitgħallem affarijiet kbar… qalu li meta jiġi lura ser jilħaq xi ħaġa l-isptar… mur kellmu, billi mhux minn dejjem imġebbed… aħseb u ara issa … u jilħaq ngħid, l-aktar jekk ikun għad hemm il-partit ta' missieru fil-Gvern … ajma ħej, dak jonqsu!"

Għaddew ftit snin oħra u waqt li Nestu u martu baqgħu bla tfal, Turu u martu kull disa' xhur ikollhom magħmudija. Kellhom sitt it-tfal, li kienu jqisuhom tabilħaqq bħala l-barka t'Alla.

Xitwa minnhom kienet kiefra. Mhux talli x-xita ma riditx tieqaf, imma l-kesħa xi ħaġa tal-għaġeb. Bilkemm ikollok aptit tqajjem lil dawk il-povri tfal minn qalb il-friex sħun li jkunu fih, imsieken. Imma dan kemm ser iddum tfallilhom l-iskola? Kemm Turu u kemm martu xtaqu li wliedhom ikunu bħat-tfal tan-nies.

Ġara li waħda miż-żgħar tagħhom, Sara, ta' sitt snin ħadet bronkite li qisha ma riedet iċċedi b'xejn. Tgħidx kemm ġrew biha għand tobba u kemm bellgħulha antibijotiċi, id-deni ma riedx iħalli u fl-aħħar spiċċat f'qiegħ sodda tal-isptar, mingħajr wisq tama li tgħaddi għall-aħjar. Darba minnhom it-tabib tal-pedjatrija sejjaħ lill-missier u fi ftit kliem qallu li bintu tinsab f'qagħda kritika għax il-qalb kienet qed tgħeja.

Turu kien waħdu xħin ħa dik il-bxara għax martu baqgħet id-dar minħabba t-tfal l-oħra. Ħass qalbu jingħafas xħin sema' dan. Dar fuq it-tabib u staqsieh:

"Jiġifieri li ma tistgħu tagħmlulha xejn aktar? Dak li qed tgħidli? Li Sara tiegħi, dik l-anġlu tiegħi ser tħallina?… Għidli, għidli Dot..."

"U le, teħodhomx hekk l-affarijiet. Għad hemm x'nistgħu nagħmlulha lil Sara, imma bħal issa tinsab fi stat dgħajjef wisq, li kieku tirpilja ftit nippruvaw nagħmlulha operazzjoni żgħira …"

"X'waħda din! Operazzjoni lil dik iċ-ċkejkna tiegħi?"

"Aħna ġa kellimna lil Mr. Ernest Attard biex nieħdu l-opinjoni tiegħu…"

Turu ma jiftakarx x'qal aktar it-tabib għax moħħu beda jhewden biss fuq dak l-isem ta' Nestu Attard. Jista' jkun? Dak l-istess wieħed tgħid?"

It-tabib induna li dak ta' quddiemu qisu ċċassa u wara ftit staqsieh:

"Sur Tanti, qed tifhem x'qed nipprova nispjegalek?"

"Le, ma tantx. Moħħi kien fuq xi ħaġ'oħra. Għidli ftit, għidli Dott, fejn nista' nsibu u nkellmu lil dan Mr. Attard?"

"Dak l-aħjar li tagħmel appuntament miegħu jew tmur fil-klinika privata tiegħu, mhux għalkemm issibu taf, għax tgħidx kemm hu mħabbat …"

"Imma bħalissa jinsab hawn, l-isptar? Għax dak… dak kuġinuwi, xtaqt inkellmu."

"Hekk ħaġ'oħra. Ejja miegħi."

Wara ftit it-tabib ħabbat kemxejn fuq bieb t'uffiċju u daħlu. Ma kienx mar żball. Dak hu. Hemm kien kuġinuh Nestu li f'idejh kien hemm imdendla l-ħajja ta' bintu Sara. X'kien biħsiebu jgħidlu? Ħass moħħu vojt u lsienu tqil. Mar quddiemu u nfaqa' jibki daqs tarbija.



Nestu nħasad. Ma kienx għarfu mill-ewwel lil kuġinuh għax wiċċu kien fil-pali ta' jdejh, jistħi li qed jibki quddiem żewġ tobba. It-tabib li wasslu s'hemm inkwieta wkoll, bilkemm instemma' jlissen:

"Mr. Attard, dan... dan is-sinjur qal li jafek, li jiġi minnek u xtaq ikellmek. Skużani jekk għamilt żball li wassaltu sa ħdejk..."

"Ma ġara xejn. Tista' tħallina ftit weħidna, jekk jogħġbok..."

Nestu qam minn fejn kien bilqiegħda wara skrivanija u malajr newwel siġġu lil Turu. Dak mesaħ wiċċu f'maktur kbir u bid-dmugħ għadu jqattar ma' wiċċu ħares lejn kuġinuh. Kienet ħarsa li fis-silenzju tagħha tfisser ħafna, ħarsa titlob il-maħfra, il-ħniena.

"Għadni ma nistax nifhem sew Tur. X'inqala'? Xi trid mingħandi? Ieqaf mill-biki u tkellem..."

"Sara... Sara tiegħi..."

Nestu fehem malajr malli sema' dak l-isem.

"It-tabib qalli li m'hemmx wisq tama... għidli x'nagħmel jien mingħajrha? Semma' lilek, li aktarx int biss tista' tgħinha, minnu dan?"

"Issa qed nifhem kollox. Hawn ħa nagħmillek malajr kikkra kafè u kkalma biex inkunu nistgħu nitkellmu."

"Fejn qatt kont nobsor li dik il-ħlewwa ta' tifla hija tiegħek Turu! Ħalli ngħidlek x'ser nagħmlu... għada filgħodu nerġa' neżaminaha u nara fiex tkun. Il-bronkite, miskina kidditha wisq, domtu ma tkellimtu. Jekk insibha fi stat li tiflaħ għall-operazzjoni, ħalliha f'idejja. Inwegħdek li ser naħdem fuqha daqs li kieku kienet binti. Serraħt moħħok issa?"

Turu qam minn fejn kien u mar ħaddan lil Nestu waqt li xi demgħat jaħarqu qattru fuq spallet it-tabib.

Għaddew ftit ġimgħat. Sara kienet fuq saqajha, tifla tbigħ is-saħħa. Nestu u martu Stella kienu mistednin għand Turu tal-Fawwara. Xtaqu li kieku possibli jindurawh lil Nestu li kien salvalhom lil binthom Sara.

"Qatt ma stennejt dan kollu mingħandek Nest, billi konna ilna ma naraw lil xulxin u minħabba... minħabba li, taf int... jien mhux tal-partit tiegħek."

"Kemm mort żball b'rasek Tur! Għal tabib serju l-aktar ħaġa importanti fid-dinja hi l-ġlieda tiegħu kontra l-mard u l-mewt, mhux dawk il-ħmerijiet li qed issemmi int."

Minn dak in-nhar Turu sar jaf sew min kien kuġinuh Nestu.

——————— o ———————

**SALVAZZJONI**

Mulej
min jista' ħliefek
jiġġudika lil bniedem?
Il-ġudizzju ta' ħuti
huwa inkwina taħraq lil ruħi;
int biss is-Sid Mulej.
L-oħrajn
huma sidien tal-ħabba gozz.
Tħallix moħħi jitherra
Mulej
bit-thewdin fieragħ
ta' min iġġudikani
wisq agħar minnu
jew milli qatt kont.
Mulej
aħjar tiġġudikani
int darb'għal dejjem
milli lsien il-bnedmin.
Aħjar kundanna waħda retta
milli elf waħda bla sens
ta' min jara s-sifa f'għajn il-proxxmu
iżda bl-ebda dawl
it-travu ġo għajnejh.
Mulej
min jista' jsalva
jekk mhux bil-ħniena tiegħek?

**CARMEL ATTARD**

**(mill-ktieb *...maqfuq fil-ħabs ta' ġbini...* ta' Paul P. Borg, Horizons, 2014).**

**QTL89**

*By stepping into this room, somewhere in the world one human being dies.*

...toqtol
niftakrek minn dejjem. Minn met' ntbaħt
li jdejk fihom għaxart iswaba'
niftakrek tibjad bil-mistħija.
*Stajt qtilt seba' mhux wieħed.*
U l-qagħda ta' ġismek
tgedwidhieli l-istorja tal-iġsma maqtula.
U nintilef f'diskorsok għax taf
tinseġ l-istejjer tal-bakketti,
tan-nani, tax-xagħar twil,
tal-bnedmin li jsiru nsetti
biex jistaħbew u
t'oħrajn li jsiru friefet biex jidhru jissieltu.

...titqatel
nafek minn dejjem. Minn meta demmek
beżqek 'il barra ili nafek tiħmar bl-għira.
Moħħok brimba b'għaxar saqajn.
Ġismek għanqbuta ta' ħarir riħa t'inbid maqtugħ.
*Dur dawra fija u duqni.*
L-ispiralli jduru f'moħħok-
wajer tat-telefon imħabbel- tarrxuk.
Titfixkel fihom u tibki bikja twila.
Għajnejk jilagħbu bija sakemm tintebaħ
li ġewwa fija, int, tarbija.

...tinqatel
darba niftakrek. Minn meta qtajt
sider ommok narak tiħdar bil-biża'.
*Wara l-mewt, tgħid, m'hemmx mewta oħra?*
Is-sħana tikwi tat-towster imkittfa
telgħatlek għal rasek u bbist.
Sulfarina oħra f'agunija moħlija.
Daqshekk qbiżt fl-ispazji battala tal-qtil
biex tobrox l-iżvastika fina.

**LEANNE ELLUL**

**ĠEJJIENI KONFONDUT (JEW KONFUŻ)**

ma nafx jekk għada,
hix tielgħa x-xemx, hux tiela' l-qamar,
u r-riħ jiskotx.
l-art sħuna ma ttellax aktar prodotti,
mill-ħajt jiskula d-dmugħ vjola magħqud,
iċarċar fuq tapit isfar imberfel.

u mistoqsija oħra mhux imwieġba,
u kord'oħra maqtugħa mill-kitarra,
u pjanu kiesaħ - bla orjentazzjoni.

tiċpisa ta' pinzell mitluq, fuq tila
trejjaħ iż-żejt imlibbes bla kuluri.

**MARIO GRISCTI**

**HEKK HI L-ĦAJJA... METAMORFOSI**

Kemm jiddardar il-baħar
meta jaħbat mal-qiegħa,
ftit riħ u xejn ma jibqa' għal li kien.
Kemm jissaħħab l-ajru f'riħ ta' siegħa
u t-temp ikrah nibdew narawh sabiħ.

Hekk il-ħajja metamorfosi:
frieghi tas-siġra jinbidlu f'arbli tad-dawl
ħamrija ratba tinbidel f'art iebsa stanga
graffiti mħażżin fuq il-ħitan
imbagħad tibjida friska
u xorta narawhom sbieħ.
Proposti miktuba fir-ramel
jogħla l-ħalel u jiġi lixx bħal irħam
daqs li kieku qatt ma kien.
Tiċrit tal-ħluq li jinbidlu f'tixmir tal-imnieħer.
Hekk il-ħajja
metamorfosi.

**OMAR SEGUNA**

**ĠARR**

Missieru qed iġorru
f'basket modern
u jibża' għalih.
Forsi l-folja għad tinqaleb
meta ċ-ċkejken iġorr
'il missieru mistrieħ.

**CARMEL MALLIA**

**FEJN  WASALNA!**

Oh  Missier aħfrilna--------Għax it-triq tlifna .
Fil-ħajja tħabatna---------U mill-girna ħriġna.

Mhux it-tort tagħna.--------Iżjed l-ajru u gżiritna.
Li tlifna  twemminna!--------U f'deżert sibna ruħna.

L-injoranza neħħejna--------U triq wiesgħa sibna
l-għanqbut naddafna ---------u mill-għollieq ħlisna.

Sal-qamar wasalna:-------Kull muntanja tlajna.
Il-kontrolli warrabna--------U l-libertà sibna.

Tiħux għalina:-------Mhux tort tagħna,
La ta' ħaddieħor --------u lanqas tagħna.

Ta' ħaddiehor sar tagħna--------U min kien, għadu
jistagħna.
Iġġelidna u tħabatna-------U fejn konna bqajna.

Ħa nistaqsik waħda,--------Allura Int hekk għamiltna?
Le, tidħakx bina.--------Donnok  hekk  ħlaqtna.

Ippjanajna u bnejna----------Bnejna  u kissirna
U tlabna u gergirna--------Biex ħadd ma jindaħlilna.

U mill-muntanja għajjatna:-----'Min  qatt
jista'  għalina'!
Bil-medalji tqalna------- u bl-unuri tgħawwiġna,

Tant ġrejna u skoprejna ---------Ma baqax
għar  ikenninna
Lanqas  xemx u xita ma jdejjquna-------Għandna l-
umbrelel jipproteġuna!.

Is-sabiħ ilbisna--------U s-saħħa benninna
Bl-ikel tħaxxinna---------U bis-sess skirna.

Il-mard fejjaqna ----U l-ħajja tawwalna .
Imma xagħarna  waqagħlna ------Biż-żjut  li
ivvintajna.

Lit–twemmin ħarbatna------U lill-moħħ niġġisna
Lill-qalb  tertaqna--------U l-ispirtu ħalliena.

Issa  x'jonqosna --------Ħlief żifna miġnuna
U ikla mmela -------Bi ftit ironija!

**VICTOR V. VELLA**

**IS-SEWWA SĦABA BAJDA TIMXI FUQHA**

Is-sewwa sħaba bajda timxi fuqha,
is-sewwa qtar ta' dmugħ minn xfar għajnejja
is-sewwa dlam il-lejl fid-dawl tal-beraq,
il-kliem li tridu tqiegħdu fuq xuftejja.

Jekk qbadt it-triq li tieħu 'l bogħod minn kollox,
tgħidux li ħmar il-lejl għax qbadt triq b'oħra,
għax ma sirt xejn, sirt warda xħin kont waħdi
indur għal wiċċ ix-xemx min-naħa għall-oħra.

Il-lejla s-sħana qiegħda tagħmel tagħha
jispunta l-għaraq fwar ta' xi profeta,
imbagħad isib il-wied u jibqa' nieżel:
it-triq hi twila, it-triq ta' kull poeta.

**ALFRED GRECH**

**MY NARRATIVE IS UNMISTAKABLE**

Din tagħna narrattiva.
Imsejkna. W'ftit. Mistħija.
Min sejjer. Iwaqqafha.
Jekk. Mhux. Il-mewt.
Ta' fina. Imnikkta.
U ftit. mitfija.

Din tiegħi. Narrattiva.
Li nġorrha ġewwa. Fija.
Hi. Biss. Teħlisni. Minnha.
Sophie. Il-poeżija.

**TARĊISJU ZARB**

**ĦAJKU**

Jekk dal-baħar, xi
darba, jaqbad jitkellem
tgħid x'lingwa juża?

San Franġisk kellu
jimmansa l-annimali,
minbarra l-bniedem.

**AMANDA BUSUTTIL**

**I DECORATE YOUR NECK WITH THE PEARL NECKLACE**

I decorate your neck
with the pearl necklace,
I have no more doubts,
I will forget all grievances
and nights of misunderstanding,
I'll be good now,
just have patience.
Both of us live under the same sky,
we are made of the same clay,
without you my path is unknown,
I die without you…

**ADOLF SHVEDCHIKOV**
***Ir-Russja***

**COFFEE FOR TWO**

Coffee for two
is life shared
in harmony, in safety
joy, peace
and love

Coffee for two
is sharing each other's
hopes, thoughts, tribulations
and fears of manipulations
by crafty war-mongers

Coffee for two
assures me your memory will always
be hugging me safely my love
always be a full cup
of love, of hope, of life

Even now when you are not
here anymore, the warm aroma
of Coffee for Two
fills my lungs
warms my heart.

**ADA AHARONI**
***L-Iżrael***

**JASENOVAC**

Mio padre aveva 15 anni
quando lui e la sua famiglia
furono arrestati nel 1940
e deportati a Jasenovac.

Mio padre non ci ha mai detto
niente
su cosa gli capitò
nel campo di concentramento
degli *Ustasha*.

Ogni volta che glielo chiediamo
comincia a piangere.
Tutto quello che fa
è agitarsi e piangere.

Non ho mai conosciuto
nessun nonno,
nessuno zio
dalla parte di papa.

Quando gli chiedi
qualcosa su di loro
urla.

**ROBERTO MALINI**
***L-Italja***
**(Minn *Il silenzio dei violini-The silence of the violins*, Edizioni Il Foglio, 2012)**

**WORLD POETRY DAY 2015**

Poetry is part of the Universe
like a living substance
of our thought, an intimate
and subversive reaction
to every poet's destiny.
Poetry breeds hope
in the brief time we are
allowed to be on earth.
Poetry grants us its lyrics daily,
drop by drop, for the
essence of life not
become still in an
imaginary heaven.

**TERESINKA PEREIRA**
***L-Istati Uniti***

# minn fuq l-ixkaffa




***DRAWWIET U TIFKIRIET*, ta' Charles B. Spiteri, BDL 2015.**

Meta l-Maltin ma kellhomx wisq fiex jedhew, it-teatrini kienu l-isfog tagħhom. L-ewwel kumpanija kien jisimha L'Indipendenza, u twaqqfet f'San Ġiljan. Iżda f'liema sena twaqqfet, fl-1883, fl-1888 jew fl-1900? Illum insibu ħafna kitarri fis-suq. Dari kienu jinħadmu lokalment għall-għana. Iżda kont taf li biex kitarra tkun tabilħaqq tajba riedet tiżen ċertu piż: la iktar u lanqas inqas? Din hija ġabra ta' artikli u intervisti li jirrakkuntaw l-artiġjanat, is-snajja' u d-drawwiet antiki li maż-żmien qed jintesew u jafu spiċċaw għalkollox. Huma artikli u intervisti meqjusa b'folklor u allura huma taqsima tal-kultura Maltija. L-iskop tal-ktieb, li jsegwi l-kotba bl-isem ta' *Tifkiriet tal-Imgħoddi*, hu li jżomm ħaj dak kollu li missirijietna kienu kapaċi jwettqu, kif ukoll li jkun ta' għajnuna għall-istudenti fil-proġetti edukattivi tagħhom. Għal aktar faċilita u biex dan ix-xogħol jingħoġob mill-qarrejja, l-awtur ġabar ritratti antiki u awtentiċi ta' kull suġġett ittrattat.




***ALEXANDRA* ta' Vincent Scerri, Horizons 2015.**

Il-ħajja ta' Milenco Garcia ma kenitx xi waħda faċli. Kien eredi ta' wieħed mill-akbar stabbilimenti tal-moda li hemm fil-qalba ta' Barcellona. Biss ħajtu xejn ma kienet trankwilla. Huwa kien maħkum b'biżgħat kbar li ħin bla waqt il-mewt tiġi għall-għarrieda fuqu u taħsdu minn din id-dinja. Għallinqas hekk kienu qalulu l-professuri li kienu dewwewh wara l-kraxx tal-ajruplan.
Alexandra kienet tfajla Spanjola grazzjuża ġejja minn familja normali, tgħix f'wieħed mill-villaġġi remoti ta' Spanja. Qajl kienet taf x'toffri d-dinja u l-unika għan li kellha kien li titgħarras lil Chason u trabbi familja fil-għożża u l-komfort kif trabbiet hi. Qatt m'għaddielha minn moħħha li jum minnhom kellha tieħu aħbar li jbiddlilha ħajjitha ta' taħt fuq. Kif sabu ruħhom flimkien Alexandra u Milenco?
*Alexandra* huwa t-tielet ktieb ta' Vincent Scerri - wara *Qtil fil-Villa Bologna* u *Soru F'Xibka ta' Mħabba* - li jeħodna lura lejn il-ħajja Spanjola tas-snin sittin. Hija storja ta' mħabba, perseveranza u ġlieda kontinwa kontra d-dimonji li jaħkmu nies meta jkunu f'waqtiet vulnerabbli.




***X'AĦNA SMART!* ta' Stephen Lughermo, Horizons 2015.**

*X'Aħna Smart!*, ir-rumanz rebbieħ tal-Konkors Letteratura għaż-Żgħażagħ 2014 organizzat mill-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb u mill-Aġenzija Żgħażagħ, ifittex proprju li jidħol fid-dinja misterjuża tal-ġenerazzjoni żagħżugħa ta' żmienna. L-awtur jagħmel dan minn perspettiva għalkollox oriġinali, bi *smartphone* bħala n-narratur waħdieni li jiftaħ tieqa fuq id-dinja virtwali tat-teknoloġija li minnha ż-żgħażagħ tal-lum jidħlu u joħorġu bl-iktar mod naturali. Sarah, il-protagonista tar-rumanz, hija żagħżugħa kontemporanja bi problemi ta' komunikazzjoni m'ommha li f'seħbitha Nicole, fin-nanna Gwida u, iktar tard, fil-maħbub Robert issib ir-relazzjonijiet soċjali meħtieġa biex tkampa fl-univers żagħżugħ. L-għajbien mhux mistenni ta' Robert, madankollu, jpoġġiha fiċ-ċentru ta' avventura sħiħa li tinvolvi l-passat ta' ommha, xi fotografi qarrieqa u l-karba siekta ta' żagħżugħa tal-età tagħha. Tul dan il-perkors, ir-rumanz jesplora bosta temi komuni fil-ħajja tal-adolexxenti u ż-żgħażagħ tal-lum. *X'Aħna Smart!* huwa rumanz li għandu jintlaqa' tajjeb miż-żgħażagħ ghax jirrifletti t-tip ta' ħajja li jgħixu.